



Brussell, 15 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14068/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0352(NLE)**

TRANS 527

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 13156/18 TRANS 449 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-proċedura bil-miktub li għandha titnieda mill-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) għall-adozzjoni ta' modifiki għall-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi UTP GEN-B u UTP TAF – Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti emendi tekniċi għall-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF).
2. L-emendi għall-COTIF għandhom jiġu adottati bl-użu ta' proċedura bil-miktub immedija mis-Segretarjat Ġenerali tal-OTIF fl-20 ta' Awwissu 2018. Il-proċedura tagħlaq fit-30 ta' Novembru 2018.
3. L-Unjoni ssieħbet fil-COTIF fl-2011 bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011.

II. ĦIDMA FIL-KORP PREPARATORJU

4. Fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Novembru 2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art eżamina u approva l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni.

III. KONKLUŻJONIJIET

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni u jippreżentah għall-adozzjoni mill-Kunsill EYCS (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fis-26 ta' Novembru 2018, kif ippreżentat fid-dokument 13299/18 + ADD 1, li ġie rivedut mill-ġuristi lingwisti.
 6. Ladarba d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi adottata, il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat dwarha.
-